# Meta l-Bizzilla kienet Hobż iż-Żgħar

*Ktiba ta' Dr Consiglia Azzopardi M.Phil, Ph.D*



Kultant fiċ-ċensimenti ssib kemm dari f'Għawdex kien hemm tfal jaħdmu l-bizzilla. Tiġik l-għira għalihom filwaqt li titħassar lit-tfal tagħna, li llum qed jaħlu ħinhom jilagħbu fix-xejn. La għadhom jitkellmu man-nies, la baqgħalhom sabar jistennew, la japprezzaw il-ġmiel tan-natura madwarhom u dejjem jiġbdu lejhom għalkemm imxebbgħin minn kollox.
Iż-żmien jgħaddi ma jistenna lil ħadd u t-tfulija tgħib bla ma jkunu gawdewha. Iktar minn qatt qabel, il-ħin qed jaħrab bina għax il-ħajja mgħaġġla sfrenata. Jekk ma nżommux saqajna mal-art u nagħrfu sewwa x'inhuma l-miri tagħna, fejn irridu naslu, se nsibu ruħna li dħalna ġol-ħajt. Se jiġġarrfu l-aspirazzjonijiet ta' pajjiż ċivilizzat bil-lingwa, bir-reliġjon, bil-kultura tiegħu msawra mit-tradizzjonijiet li ħallewlna missirijietna.
Dan jiġri mhux għax il-pajjiżi tal-Ewropa ngħaqdu fl-Unjoni Ewropea u l-kulturi tħalltu. Anzi, l-UE tipprovdi fondi biex ikun hemm bdil ta' studju u esperjenzi bejn pajjiż u ieħor. Hekk nitgħallmu minn xulxin kif nieħdu ħsieb il-kultura ta' pajjiżna, kif inħarsu l-ambjent etniku u kif għandna nikkultivaw drawwiet pajjiżna, żgħir kemm hu żgħir. Nieħdu l-każ tal-lingwa: hu meħtieġ li barra l-lingwa tal-post kull ċittadin ikun jaf jitkellem b'lingwa oħra li tiftiehem mill-pajjiżi kollha – bħalma hu l-Ingliż. B'daqshekk wieħed m'għandux jikkunsidra lil ilsienu bħala inferjuri u lanqas għandu jistħi jħaddem snajja' li wirithom mill-familja u ma tgħallimhomx fi skola.
Drawwa li qed tinqered minħabba dan l-atteġġjament fost iż-żgħar tagħna hija l-bizzilla taċ-ċombini, sengħa li fl-imgħoddi kienet magħrufa mad-dinja kollha bħala Maltese Lace. Illum nħarsu lejha bħala antikwata, għadda żmienha, ma fadlilniex ħin għaliha, m'għandniex paċenzja tagħha, ma ġġibx flus! Ħadd ma jistenna li n-nies tas-seklu 21 se jibqgħu jgħixu kif kienu fis-seklu 19 meta l-bizzilla kienet fil-voga tagħha, imma b'daqshekk m'għandniex narmu l-valuri tal-arti tal-imgħoddi sempliċement għax ma jissarrafx fi FLUS!
Verament li l-flus iħajruk taħdem, iktar ma taqla' iktar iġegħluk tħabrek, imma ma rridux noħorġu saqajna barra mill-friex. Barra mill-qliegħ tal-flus li taħdem il-bizzilla jġib ħafna serħan il-moħħ u dan jista' jgħidu kull min għandu din l-esperjenza. Għalhekk ma rridux inpoġġu l-flus qabel kollox għax biex naqilgħu ħafna, malajr insibu ruħna nittraskuraw lill-familja, ma neħdux il-mistrieħ meħtieġ u nitilfu l-interess fil-ħajja. Ħafna qed jispiċċaw jieklu mhux kif suppost, jonfqu iktar milli jifilħu sa ma fl-aħħar jirrikorru għat-tipjip jew għad-droga.

**Għaliex is-sengħa tal-bizzilla rnexxiet fl-imgħoddi?**
Il-bizzilla kellha l-Istorja tagħha minsuġa mal-kultura ta' pajjiżna, mar-reliġjon, mad-drawwiet li nbidlu matul iż-żminijiet. Pajjiżna għadda minn taħt saltniet differenti, sikwit kien ikun hawn flaġelli tal-pesta u tal-kolera fejn kienu jmutu ħafna nies u jinqerdu ħwejjeġ biex jiskansaw l-imxija tal-mard. Fuq kollox kien jieqaf il-kummerċ ma' barra u dan kien jolqot ħażin il-prodotti ta' Malta, hekk li ħafna kienu jsiru tallaba jew jemigraw lejn pajjiżi 'l bogħod. Matul dawn l-aħħar mitejn sena sar progress kbir fl-edukazzjoni: infetħu l-iskejjel pubbliċi u t-tfal kollha – subien u bniet – kellhom jattendu l-iskola, l-ewwel sa erbatax-il sena u wara sa sittax-il sena; llum huma mħeġġa jkomplu jistudjaw fl-edukazzjoni terzjarja. Sar żvilupp ieħor fl-industriji fejn sabu ruħhom ħafna nisa. Dan it-tip ta' xogħol fil-fabbriki, fil-ħwienet u fl-uffiċini huwa differenti għalkollox minn dak tax-xogħol fir-raba' meta kienu jilbsu u jieklu, f'kelma waħda 'jgħixu man-natura'. Fuq kollox dan il-ħafna vjaġġar għax-xogħol ħarbat mhux ftit dik il-ġabra fid-dar li kien jitkellem minnha Dun Ġużepp Diacono meta fl-1893 waqqaf il-Casa d'Industria fix-Xagħra.

Dakinhar, Diacono kellu f'moħħu li jorganizza s-snajja' tal-insiġ u tal-bizzilla biex jgħolli l-livell tagħhom; in-nisa minn djarhom kellhom jitgħallmu jbigħu xogħolhom mingħajr ma jħallu ruħhom jiġu sfruttati min-negozjanti. Kien jemmen li t-tagħlim irid jibda miċ-ċokon billi jeduka lit-tfal, mhux fil-bizzilla u fis-snajja' biss imma wkoll fil-qari u l-kitba tat-tliet lingwi ewlenin fi żmienu – l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti, fil-Matematika, fil-

Katekiżmu u fl-Iġene / Manjieri. Dan ifisser li t-tfal miċ-ċokon jinħtieġ li jkunu esposti għas-sengħa, jaraw lil min jaħdimha u jipprattikawha fil-limiti tagħhom.
Uħud minn dawn it-tfal tgħallmu sa ċertu livell u waqfu, ma komplewx l-iskola, baqgħu jaħdmu d-dar – dejjem bejn wieħed u ieħor l-istess disinn u għall-istess ħlas. Maż-żmien xorta waħda saru professjonisti ta' dak l-uniku disinn, għax bdew iħaffu iktar u jagħmlu xogħol perfett u meta jistinkaw kienu jtellgħu flus daqs min jaħdem xogħol tqil. Kien hemm oħrajn li moħħhom kien iktar jagħtihom u speċjalizzaw fis-sengħa. Ta' dan xhieda l-bizzilla maħduma fuq il-ħafna disinni sbieħ u kumplikati li għadna nsibu mxerrda mad-dinja kollha li daż-żmien tinbiegħ mill-Antiques.



*Il-klassi tal-bizzilla flimkien mal-Għalliema tagħhom Grazziulla Grech u mal-Primarja Carmela Farrugia, Casa d'Industria, Xagħra .*

Hawn min xħin jara ritratt bħal dan jikkritikah u jgħid li hu child labour. Mela xi ngħidu llum għall-kompjuter u l-mowbajl! Mhumiex it-tfal iktar mill-kbar skjavi tagħhom? It-tfal qed jiġu esposti għal sigħat twal b'għajnejhom imsammrin ġol-iskrin, hekk li qed jitilfu kull interess f'kull ħaġa oħra li mhijiex logħob bil-kompjuter jew mowbajl. Tkellemhom u ma jkunux jafu x'għidtilhom, jieklu u ħsiebhom fil-logħob lanqas ikunu jafu x'kielu jew jekk kilux – jieklu bla sens u nistgħu nibqgħu sejrin hekk! Jippreferu jkunu waħedhom biex ħadd ma jtellifhom – ma baqax sens ta' kumpanija mal-oħrajn, kulħadd għal rasu, sewwa jien u ma jimpurtani minn ħadd. Għad irridu naraw l-effetti koroh ta' din l-imġiba! Fuq kollox it-tfal qed jitilfu l-lingwa – jitkellmu biss bil-lingwaġġ tal-logħob elettroniku.

Mill-banda l-oħra t-tfal ta' dari, jaħdmu l-bizzilla fi gruppi aktarx barra għall-arja, kultant iqumu jiġru ġirja wara xulxin, kienu jitgħallmu mingħand il-kbar ħafna qwiel, kliem ix-xiħ, għana u kurunelli mqabbla f'forma ta' poeżija. Dan kollu minbarra t-teknika tas-sengħa li kienet tikkonsisti mhux biss kif taħdem il-punti imma wkoll kif tirraġuna d-disinn biex taħdmu b'iktar ħeffa, kif tagħmel iċ-ċombini u l-imħaded, kif iżżomm ix-xogħol pulit u kif tibża' għall-ħajt u għad-disinn. Fl-ebda ktieb ma ssibhom dawn l-istruzzjonijiet li jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra bil-fomm, mirquma bid-djalett tal-post, hekk li jsiru 't-tradizzjoni'. L-esperjenza tgħallimna li dawn it-tfal kienu ħafna aktar ferħanin u kalmi mit-tfal tal-lum mimlija nervi, egoiżmu, solitudni u stress.

**It-Tfal f'Ta' Sannat**

Għawdex kollu, kemm fir-Rabat u kemm fl-irħula, kien hawn tfal jaħdmu l-bizzilla sa minn ħafna snin qabel ma Diacono fetaħ il-Casa d'Industria fix-Xagħra. Dawn aktarx kienu jitgħallmu jew mill-Konservatorju jew minn xi skola oħra fir-Rabat. Hekk iċ-ċensiment tas-sena 1861 jgħid li f'Ta' Sannat kien hawn 200 ħaddiem tal-bizzilla li minnhom 65 tista' tgħid li kienu tfal taħt il-ħmistax-il sena, skont it-tabella ta' hawn taħt:

| 5-10 snin | 10 – 15-il sena | 15 - 20 sena | 20 – 25 sena | 25 – 30 sena | 30 -35 sena | 35 – 40 sena | 40 – 45 sena | 45 – 50 sena | 50 – 55 sena |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 | 42 | 33 | 38 | 21 | 17 | 9 | 4 | 1 | 2 |

Milli jidher, l-industrija tal-bizzilla kienet popolari l-iżjed mat-tfal għax il-kbar kien għadhom nissieġa u ma kinux jirreġistraw ruħhom bħala ħaddiema tal-bizzilla. Imma l-industrija tal-qoton u tal-insiġ baqgħet sejra lura, tista' tgħid minn meta ġew Malta l-Ingliżi. Għalhekk taw spinta lill-bizzilla biex tibda tinħadem minflok l-insiġ. Meta bdew jinfetħu l-iskejjel tal-gvern fl-irħula kollha ta' Malta u Għawdex, il-bizzilla bdiet tiġi



mgħallma fihom. Imma l-Għawdxin, għalkemm kienu jaraw futur fix-xogħol tal-bizzilla, ma kinux lesti li jaħlu ħin it-tfal jibagħtuhom l-iskola biex jaħdmu l-bizzilla... dik jitgħallmuha mid-dar!

Din kienet il-mentalità ta' dak iż-żmien u hekk baqgħet sal-lum, għax l-iskola tmur biex titgħallem suġġetti akkademiċi u l-kompjuter, mhux taħli ħinek mal-bizzilla! Imma dak iż-żmien ma kienx ikkunsidrat ħela ta' ħin li taħdem il-bizzilla, anzi kien għaqal li max-xogħol tad-dar u tal-għalqa, mara bieżla kienet kapaċi mill-bizzilla ddaħħal daqs kemm idaħħal raġel kull ġimgħa. B'dawn il-flus kienu jħallsu għall-edukazzjoni tat-tfal – jekk bniet biex jitgħallmu xi sengħa bħal ħjata jew rakkmu, jekk subien jibagħtuhom l-iskola tar-Rabat. Jingħad li meta kien ikollhom xi tifel is-Seminarju l-omm u x-xebbiet fil-familja ma kinux jidħlu jorqdu qabel ma jkunu ħadmu biżżejjed bizzilla biex iħallsu l-meżata ta' dik il-ġurnata.

Xejn inqas kienu jaħdmu n-nies f'ta' Sannat. Fil-fatt insibu li meta f'Londra ttellgħet The Colonial & Indian Exhibition of 1886 kien hawn erba' kappillani minn Għawdex li daħħlu xogħlijiet għall-wiri. Dawn kienu Dun Giov. Camilleri tan-Nadur, Dun Pietru Paolo Ciantar tax-Xewkija, Dun Ġużepp Diacono tal-Qala u Dun Gwann Andrea Vella ta' Sannat. Ir-rapport ta' din il-wirja importanti faħħar ħafna x-xogħlijiet tal-bizzilla li bagħtu l-Għawdxin u fosthom kien hemm ukoll bizzilli li nħadmu għall-knisja. Jgħid ukoll li dak iż-żmien f'Għawdex kien hawn bejn 4000 u 5000 mara u tifla jaħdmu l-bizzilla, li bejniethom kienu jdaħħlu bejn £45,000 u £50,000 fis-sena. Naturalment, ma' dan il-progress kienet tgawdi wkoll il-knisja tal-parroċċa li dejjem għenet biex din is-sengħa tibqa' miexja 'l quddiem.

Illum aħna ngergru mit-tfal li mhumiex interessati. Kos, huma t-tfal ma jridux jitgħallmu jaħdmu jew aħna l-kbar ma baqgħalniex ħin biex ngħallmu t-tfal? Iż-żmien jagħtina parir...

